MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

**ONOR. IMHALLEF**
**ANNA FELICE**

Seduta tad-9 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 1022/2006

**R.J. C. Caterers Limited (C 10552)**

**vs**

**General Workers Union u Corinthia Palace Hotel Limited, b`digriet tal-20 ta` Marzu, 2007, il-Qorti laqghet talba ghal korrezzjoni u minflok 'Corintha Palace Hotel Limited' issir 'Corinthia Palace Hotel Company Limited'**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors ta` R.J.C. Caterers Ltd fejn fih is-socjeta` attrici ppremettiet illi:

1. Permezz ta` ittra datata 17 ta` Mejju, 2006 (Dokument A), il-Ministru ta` l-Edukazzjoni, Zghazagh u xoghol avza lit-Tribunal Industrijali illi kienet tezisti Tilwima Industrijali

bejn il-General Workers Union minn-naha wahda u R.J.C. Caterers Limited u Corinthia Palace Hotel minn-naha l-ohra, u ghalhekk talab lit-Tribunal Industrijali sabiex jaghmel dak kollu li ghandu jsir skond it-Tielet Parti ta` l-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali sabiex tigi deciza t-Tilwima.

2. Dina r-referenza saret wara li l-Ministru ta` l-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol kien ircieva ittra datata 9 ta` Mejju, 2006 (Dok. B), minghand il-konsulent legali tal-General Workers Union, fejn wara li specifika li kien qieghed jikteb *"… fil-kwalita` ta` konsulent legali tal-General Workers Union f`isem il-membri impjegati tal-Corinthia Palace Hotel gewwa l-food and beverage outlet Runway Bistro tal-Malta International Airport"*, gharraf lill-Ministru li kienet tezisti tilwima ta` xoghol bejn il-partijiet, u talbu jirreferi l-kwistjoni lit-Tribunal Industrijali sabiex jiddeciedi l-kaz fuq ir-remit segwenti:

*"Illi jiddikjara li fil-kaz odjern sehh trasferiment ta` negozju bejn il-kumpaniji intimati u konsegwentement l-istess kumpaniji intimati, fil-kapacita` taghhom ta` min qed jircievi n-negozju u min qed jittrasferixxi negozju, rispettivament, huma obbligati li jharsu u jonoraw il-kondizzjonijiet li tali trasferiment igib mieghu u dana skond il-provvedimenti tal-ligi".*

3. L-vertenza suriferita originali wara li s-socjeta` rikorrenti R.J.C. Caterers Limited hadet b`titolu ta` lokazzjoni minghand il-Malta International Airport il-*food and beverage outlet* qabel imsemmi *"Runway Bistro"*, li qabel kien gestit mill-Corinthia Palace Hotel Company Limited. Skond il-General Workers Union dana kien jammonta ghal trasferiment ta` negozju ai termini ta` (i) l-Artikolu 38 tal-Att Dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, (ii) id-Direttiva tal-Kunsill tal-Komunita Ewropea 2001/23/EC tat-2 ta` Marzu, 2002, u (iii) ir-Regolamenti tas-sena 2002 dwar Harsien ta` l-Impiegi fit-Trasferiment ta` Negozju (Avviz Legali 433 tas-sena 2002), u li ghalhekk is-socjeta` rikorrenti R.J.C. Caterers Limited kienet obbligata zzomm fl-impieg taghha l-haddiema kollha li kienu impjegati mill-Corintha Palace

Hotel Company Limited fl-istabiliment kummercjali fuq imsemmi.

4. Sussegwentement, wara li l-kontendenti ssottomettew lit-Tribunal Industrijali id-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghhom (Dok. C, D, E), it-Tilwima (Kaz numru 2369/FM) bdiet tinstema` mill-istess Tribunal/

5. Fit-tieni seduta mizmuma mit-Tribunal Industrijali , wara li gew imressqa noti ta` sottomisjonijiet minn R.J.C. Caterers Limited u l-General Workers sollevati minn R.J.C. Caterers Limited, senjatament:

- *"1. Preliminarjament, in-nuqqas ta` locus standi tal-General Workers` Union, stante illi jekk, kif qieghdha tghid hi, il-General Workers Union qieghdha effettivament tirrapprezenta lil xi ex-impjegat/l ta` Corinthia Palace Hotel Limited (u dana irid jigi necessarjament stability), peress li jidher li din ir-rapprezentanza qieghdha ssehh a bazi ta` mandat, dina ma hijiex ammissibbli stante li r-rapprezentat/l jinsab/u f`dawn il-Gzejjer.*

- *2. Ukoll in linea preliminary in-nuqqas ta` locus standi tal-General Workers' Union in kwantu huwa principju stability fil-gurisprudenza nostrana illi sabiex wiehed ikollu d-dritt li jipprocedi gudizzjarjament huwa mehtieg li jkollu interess guridiku kwalifikat fil-kwistjoni, liema interess ghandu jkun "definite, actual and personal". Fil-kaz in dizamina il-General Worker's Union zgur li ma ghandhiex interess "dirett u personali", ghaliex il-vertenza ma tikkoncernax xi lezjoni u difiza ta` dritt spettanti lill-"Union" "ut sic"*.

6. Bis-sahha ta` sentenza datata 25 ta` Ottubru, 2006 (Dok. F) it-Tribunal Industrijali ikkonkluda illi: *"Ghaldaqstant it-Tribunal hut al-fehma li l-prezenti tilwima hija tilwima industrijali u li l-General Workers Union ghandha d-dritt li tkun parti, minghajr ma joqghod jidhol fir-rapprezentanza tal-General Workers Union ghan-nom ta` persuni fizici prezenti fil-Gzejjer Maltin, u minghajr ma wiehed jidhol fuq il-bzonn ta` interess guridiku tal-General Workers Union"*.

7. Huwa evidenti li s-sentenza fuq imsemmija tmur kontra r-regoli tal-gustizzja naturali billi jidher bic-car illi t-Tribunal Industrijali ma ta l-ebda forma ta` motivazzjoni ghad-decizjoni tieghu bi ksur evident ital-principju ta` *audi alteram partem* u l-principju korollarju li d-decizjonijiet ghandhom ikunu ben motivate.

8. Id-decizjoni msemmija tmur ukoll kontra l-ligi miktuba u kontra principji legali li huma pacifikament applikabbli anke ghal proceduri li jaqghu taht il-kompetenza ta` tribunal specjali u tribunali amministrattivi.

9. Inoltre, it-Tribunal Industrijali qal u ddecieda li l-principji legali sollevati mis-socjeta` esponenti ma kienux applikabbli ghal Tilwima Industrijali, u li konsegwentement it-Tribunal ma kellux joqghod jidhol fir-rilevanza taghhom u ghalhekk huwa evidenti li kien hemm enunczazzjoni u applikazzjoni hazina jew inkompleta ta` l-ipotesi tal-ligi.

10 Fil-fehma tas-socjeta` esponenti dana jirrendi s-sentenza nulla u minghajr effett legali.

Talbu lill-intimati jghidu ghaliex din l-Onorabbli Qorti m`ghandhiex:

Tiddeciedi u tiddikjara illi d-decizjoni tat-Tribunal Industrijali moghtija fil-25 ta` Ottubru, 2006 (Kaz numru 2369/FM – Decizjoni Preliminari numru 1735) hija nulla fil-ligi, u li konsegwentement ghandha tigi mhassra u revokata.

L-ispejjez ta` dina l-procedura ghandhom jigu sopportati mill-intimati.

Rat ir-risposta tal-intimata General Workers Union fejn fiha eccepew illi:

1. Id-decizjoni preliminary tat-Tribunal Industrijali numru 1735 datata 25 ta` Ottubru, 2006 hija wahda finali, inappellabbli u *res judicata* u ghalhekk din l-Onorabbli Qorti ma tistax isservi bhala forma t`appell jew revizjoni

tal-mertu deciz mill-istess sentenza galadarba l-ligi ma tipprovdix espressament ghal dan.

2. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma infondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-decizjoni *de quo* la hi ultra vires, la tmur kontra r-regoli tal-gustizzja naturali senjatament ghall-principju *audi alteram partem* kif qed jinghad u lanqas hi kontra l-ligi li tahtha twaqqaf it-Tribunal specjali;

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` attrici huma nfondati fil-fatt u fid-dritt stante li d-decizjoni de quo hija konformi ma` kull ligi u ghalhekk ma tmur kontra ebda ligi miktuba u kontra xi principji legali kif qieghed jinghad;

4. Subordinatament u minghajr pregudizzju ghas-suespost, nuqqas ta` qbil mar-ragunament milhuq mit-Tribunal Industrijali ma jammontax ghal enuncjazzjoni u applikazzjoni hazina jew inkompleta tal-ipotesi tal-ligi;

5. Salv eccezzjonijiet ohra.

Rat ir-risposta ta` Corinthia Palace Hotel Company Limited fejn fiha ecepew illi:

1. Preliminarjament l-isem tas-socjeta` intimata ghandu jkun *'Corinthia Palace Hotel Company Limited'* u mhux *'Corinthia Palace Hotel Limited'* kif indikat fir-rikors tas-socjeta` rikorrenti.

2. Preliminarjament ukoll u minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-azzjoni tas-socjeta` rikorrenti hija nulla stante illi r-rimedju li tipprovdi l-ligi lill-istess socjeta` sabiex id-decizjoni preliminari numru 1735 moghtija mit-Tribunal Industrijali fil-25 ta` Ottubru, 2006 tigi ddikjarata nulla fil-ligi u konsegwentement tigi mhassra u revokata, kien dak ta` appell fuq punt ta` ligi quddiem il-Qorti ta` l-Appell kif jipprovdi Artikolu 82(3) ta` l-Att dwar l-Impiegi u r-Relazzjonijiet Industrijali, li huwa *lex specialis.*

3. Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talbiet tas-socjeta` rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fi dritt u ghandhom jigu michuda bl-ispejjez kontra l-istess socjeta` rikorrenti stante illi d-decizjoni preliminari numru 1735 moghtija mit-Tribunal Industrijali fil-25 ta` Ottubru, 2006 hija gusta u valida fil-ligi, kif ser jigi ampjament pruvat fil-mori tal-kawza.

4. Il-fatti li taw lok ghal din il-vertenza huma s-segwenti:

5. It-Tribunal Industrijali gie mitlub jisma` u jiddeciedi t-Tilwima tax-Xoghol bejn il-General Workers' Union u R.J.C. Caterers Limited u Corinthia Palace Hotel Co. Ltd dwar allegat trasferiment ta` negozju bejn il-kumpaniji intimati.

6. Fid-Dikjarazzjoni tal-Kaz taghha, is-socjeta` R.J.C. Caterers Limited eccepiet preliminarjament illi:

*"1. Preliminarjament, in-nuqqas ta` locus standi tal-General Workers' Union, stante illi jekk, kif qieghda tghid hi, il-General Workers' Union qieghda effettivament tirraprezenta lil xi ex-impjegat/i ta` Corinthia Palace Hotel Limited (u dana irid jigi necessarjament stability), peress li jidher li din ir-rapprezentanza qieghda ssehh a bazi ta` mandat, dina ma hijiex ammissibbli stante li r-rapprezentat/i jinsab/u f`dawn il-Gzejjer.*

*2. Ukoll in linea preliminari in-nuqqas ta` locus standi tal-General Workers' Union in kwantu huwa principju stability fil-gurisprudenza nostrana illi sabiex wiehed ikollu d-dritt li jipprocedi gudizzjarjament huwa mehtieg li jkollu interess guridiku kwalifikat fil-kwistjoni, liema interess ghandu jkun "definite, actual and personal". Fil-kaz in dizamina il-General Workers' Union zgur li ma ghandhiex interess "dirett u personali" ghaliex il-vertenza ma tikkoncernax xi lezjoni u difiza ta` dritt spettanti lill-"Union" "ut sic".*

7. Illi t-Tribunal Industrijali iddecieda illi:

*"Ghaldaqstant it-Tribunal hu tal-fehma li l-prezenti tilwima hija tilwima industrijali u li l-GWU ghandha d-dritt li tkun*

*parti, kif fil-fatt hija parti minghajr ma joqghod jidhol fir-rapprezentanza tal-GWU ghan-nom ta` persuni fizici prezenti fil-gzejjer Maltin, u minghajr ma wiehed jidhol fuq il-bzonn ta` interess guridiku da parti tal-GWU”*.

8. Id-decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali numru 1735 hija ben motivate u ma hemm ebda ksur tal-principju ta` *audi alteram partem* u l-principju korollarju li d-decizjonijiet ghandhom ikunu ben motivate, kif qed tallega s-socjeta` rikorrenti.

9. Id-decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali hija skond il-ligi u ma tmurx kontra l-ligi miktuba u kontra principji legali li huma pacifikament applikabbli anke ghal proceduri li jaqghu taht il-kompetenza ta` tribunali specjali u tribunali amministrattivi, kif qed tallega s-socjeta` rikorrenti.

10. Inoltre, fid-decizjoni preliminari tat-Tribunal Industrijali ma kien hemm ebda enucjazzjoni u applikazzjoni hazina jew inkompleta ta` l-ipotesi tal-ligi, kif qed tallega s-socjeta` rikorrenti.

11. Huwa jaf b`dawn il-fatti personalment.

Rat id-dokumenti esebiti.

Semghet id-difensuri jitrattaw.

Rat li l-kawza thalliet ghal-lum ghal decizjoni dwar l-eccezzjoni preliminari.

Peress illi l-ewwel eccezzjoni tal-Union intimata u t-tieni eccezzjoni tas-socjeta` intimata huma sostanzjalment l-istess il-Qorti ser tikkonsidrahom flimkien.

Ikkunsidrat.

Il-kawza odjerna hija vertenza sussegwenti ghal decizjoni preliminari moghtija mit-Tribunal Industrijali Nru. 1735 datata 25 ta` Ottubru, 2006.

Il-Ministru ta` l-Edukazzjoni, Zghazagh u Xoghol kien irrefera Tilwima Industrijali bejn il-partijiet lit-Tribunal Industrijali. It-tilwima kienet allegatament tikkoncerna trasferiment ta` negozju ai termini tal-Art. 38 tal-Kap. 452 tal-Ligijiet ta` Malta u direttivi tal-Unjoni Ewropea dwar trasferiment ta` negozju.

It-Tribunal Industrijali ta` decizjoni preliminari f`dan il-kaz fil-25 ta` Ottubru, 2006. Ir-rikorrenti odjerni jallegaw *"din id-decizjoni hija nulla ghaliex, skond huma, tmur kontra l-principji tal-gustizzja naturali".*

Iz-zewg intimate qeghdin jirribattu billi jghidu li r-rikorrenti odjerni kellhom, jekk riedu, jinterponu appell fuq punt ta` dritt skond l-Art. 82 tal-istess Kap. 452 tal-Ligijiet ta` Malta. La ghazlu li ma jaghmlu dan l-appell, id-decizjoni tat-Tribunal Industriali issa hija wahda finali u ghalhekk *res juidicata*.

Il-Qorti ikkunsidrat illi huwa minnu li l-Art. 82(3) jipprovdi ghal dritt ta` appell f`kaz ta` tkeccija ngusta u f`kazijiet li jaqghu taht l-Art. 75 1(a) u (b) tal-istess Kap. Issa dan l-Art. 75 1(a) u (b) jipprovdi ghal gurisdizzjoni tal-istess Tribunal f`kazijiet ta` tkeccija ingusta u kazijiet taht l-ewwel Titolu tal-istess Att.

It-tilwima li giet imressqa quddiem it-Tribunal Industrijali kienet a tenur tal-Art. 38 tal-istess Att u allura minnha kien hemm dritt ta` Appell fuq punt ta` dritt lill-Qorti tal-Appell.

Madanakollu, ir-rikorrent bil-proceduri odjerni m`huwiex qieghed jinterponi appell. Qieghed jagixxi a tenur tal-Art. 469A tal-Kap. 12 tal-Ligijiet ta` Malta li jipprovdi ghall-istharrig ta` eghmil amministrattiv.

Il-Qorti hi tal-fehma li d-dritt limitat ta` appell li tipprovdi l-ligi dwar ir-Relazzjonijiet Industrijali ma jipprekludi bl-ebda mod id-dritt ta` din il-Qorti li tissindika l-operat tal-istess Tribunal f`materja ta` gustizzja naturali.

Il-Qorti hawnhekk taghmel referenza ghas-sentenza ta` din il-Qorti preseduta mill-Imhallef Tonio Mallia fil-kawza

Salon Services Ltd vs Elaine Dimech (13 ta` Jannar, 2003).

Ghal dawn ir-ragunijiet, il-Qorti taqta` u tiddeciedi billi tichad l-ewwel eccezzjoni tal-intimata General Workers Union u t-tieni eccezzjoni tal-intimata Corinthia Palace Hotel Company Limited u tordna li l-kawza tkompli tinstema regolarment.

Il-Qorti tirrizerva li tipprovdi dwar l-ispejjez fis-sentenza finali.

**< Sentenza In Parte >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------